MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 810/2004

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Metropolitan Enterprises Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-15 ta’ April, 2004 fejn gie mitlub li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tliet mija u sittin liri Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm360.72) rapprezentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta’ attrici lis-socjeta` konvenuta in konnessjoni ma’ *mobile phone* bin-numru:  9949 0144.

Is-socjeta` konvenuta interpellata sabiex thallas diversi drabi baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-interessi kontra s-socjeta` konvenuta mid-data meta l-ammont pretiz f’din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex is-socjeta` konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tliet mija u sittin liri Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm360.72), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ l-Avviz, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------